# Il-Ħuttafa

numru 105 Lulju - Awwissu 2011



Bufula tal-iMrewħa

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Xi Faqqus il-Ħmir għadu bil-fjuri, imma mimli wkoll blalen lesti biex jisparaw iż-żerriegħa!



# Ħej Ħuttaf !

editorjal

Dan l-aħħar mort ftit filgħaxija sa xatt il-baħar. Ridt noqgħod daqsxejn għall-kwiet nisma' l-ħoss tal-mewġ żgħir iċafċaf fuq ir-ramel.

Imma x'tisma' tisma'! Kien hemm kjosk li fetaħ damdim ta' mużika li beda jregħedli snieni - naħseb anke minn Sqallija semgħuh! Insomma spiċċajt qomt u mort infittex il-kwiet x'imkien ieħor.

Mhux faċli ssib il-kwiet f'Malta, għax pajjiżna storbjuż. Malta żgħira u mimlija nies. U mimlija traffiku, eluf ta' karozzi u muturi li jagħmlu l-istorbju - hawn xi mġienen li jbagħbsu fil-magna biex iktar tagħmel ħoss. U hemm l-ajruplani. Dawn ukoll jagħmlu ħsejjes tal-biża' huma u telgħin u niżlin fl-ajruport. Fis-sajf il-baħar jimtela spidbowts, li anke minn taħt l-ilma tismagħhom sejrin Mmmmmmm! Nnnnnnnnnn! Min jaf il-ħut miskin.

U ma' dawn inżidu l-ħsejjes tal-magni mostri li jħaffru l-blat, u ċejsers, senders u drilers, u sireni u ħornijiet, u kunċerti fil-miftuħ u diskos, u spikers, radjijiet u televixins jgħajtu, u murtali tal-bomba, u snieter tal-kaċċa, u klieb jinbħu fuq il-bjut. Tassew aħna art storbjuża.

Meta nsemmu t-tniġġis is-soltu naħsbu fl-iskart, dħaħen tal-fabriki, eċċ. Imma anke l-istorbju huwa tniġġis. Mhuwiex tniġġis li tarah, imma huwa tniġġis li "jħammeġ" il-kwiet u jfixkel il-moħħ. U jista' jmarradna wkoll.

Ħasra li f'Malta it-tniġġis tal-istorbju ma nagħtux kasu. Lanqas liġi sura m'għandna fuq dawn l-affarijiet. Tgħid nitgħallmu?

U min jaf l-annimali kemm ifixkilhom l-istorbju tagħna. Anke l-pets ibatu. Darba kelli ħemster u kont qed nitimgħu, u dak il-ħin faqqa' murtal qawwi. Jien u l-ħemster it-tnejn qbiżna bil-qatgħa, bid-differenza li l-povru ħemster miet bil-qatgħa! Miskin, kien jismu Bloggs.

Insomma, daqshekk fuq l-istorbju u fuq Bloggs. Komplu gawdu l-vaganzi, toqogħdux fix-xemx, u ftakru: ix-xatt u l-baħar ħalluhom pinna b'rispett ta' min jgħix fihom.

Victor Falzon




Victor

**Victor Falzon**
l-Editur

## mal-faċċata



Il-**Bufula tal-iMrewħa** (Zitting Cisticola) hija għasfur daqs nitfa imma b'ħafna enerġija. Hija waħda mill-għasafar li jbejtu f'Malta u l-bejta tibniha f'ħaxix għoli, xewk u arbuxxelli. Tħobb tgħanni waqt li ttir u tagħmel *Tsipp... Tsipp... Tsipp...Tsipp!*

Ritratt ta' Nicholas Galea

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'hemm ġdid? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Kemm kibru t-tfal | 5 |
| Rajna mal-elf waħda | 6 |
| Ktieb ġdid | 6 |
| Il-baħar tagħhom ukoll | 7 |
| Intervista ma' fjura | 8 |
| Stalaktiti u stalagmiti | 8 |
| Għerien | 9 |
| Agħti kulur | 10 |
| Arti u ritratti | 10 |
| Tgħidx ħmerijiet! | 11 |
| Ntietef tan-Natura | 11 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Fleur Bugeja • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

©BirdLife Malta, Awwissu 2011
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



# Ir-Ramla l-Ħamra tirbaħ!

Ir-Ramla l-Ħamra t'Għawdex hija waħda mill-ikbar ramliet fil-Gżejjer Maltin. Hija wkoll waħda mill-isbaħ, u dan għaliex s'issa għadha fi stat naturali mhux ħażin. F'dal-post jiffurmaw l-għaram tar-ramel (*sand dunes*), ambjent rarissmu f'pajjiżna, u li fih jgħixu pjanti u annimali rari. Kif taraw minn dar-ritratt sabiħ mill-ajru, madwar dir-ramla hemm ukoll ħafna kampanja sabiħa, bi ftit li xejn bini. Imma ftit snin ilu xi ħadd talab permess biex jibni 23 villa mal-ġenb tal-għolja, biex imbagħad s'intendi jbigħhom u jsir miljunarju. Għall-ewwel il-MEPA tatu l-permess, imma b'xorti tajba l-affarijiet ma kinux saru sew u l-permess inżammlu. Fl-aħħar, ftit ġranet ilu, il-MEPA remiet għal kollox dil-ħniżrija ta' pjan (ħaġa li kien missha għamlet mill-ewwel). B'hekk ir-Ramla l-Ħamra ħa tibqa' sabiħa u naturali għas-snin li ġejjin.

Ritratt ta' Aron Tanti

Ħe, nisperaw li għal dejjem ta' dejjem.

Amen! U nisperaw li l-ġennata ta' Ħondoq ir-Rummien ukoll jarmuha.

# Reġa' bejjet il-Bilblun.

Il-**Bilblun** (Tawny Pipit) mhuwiex għasfur rari, is-soltu narawh fir-rebbiegħa jew fil-ħarifa, jagħmel xi ġurnata jew tnejn u mbagħad ikompli triqtu lejn l-Italja jew l-Afrika. Imma dir-rebbiegħa dan l-għasfur anke bejjet. Il-Bilbluni jħobbu l-beraħ bla siġar, u jbejtu fl-art qalb il-ħaxix u l-ġebel. Żewġ berdwoċers akkaniti, Ray u Nick Galea, għamlu ħafna ġranet josservaw Bilblun jgħanni u jitbellah fix-Xagħra l-Ħamra, u ssuspettaw li kien bil-bejta. U hekk kien, għax wara ftit ġranet sabu l-bejta li taraw fir-ritratt, b'erba' frieħ sufin! L-aħħar li nafu li bejjet il-Bilblun f'Malta kien fl-1993, kważi 20 sena ilu.

Ray Galea



Għalkemm jismu Bilblun, huwa proprju tip ta' pespus, mhux tip ta' bilbla.

Ray Galea



Il-bejta bil-flieles tal-Bilblun. Tnejn minnhom jidhru bil-ġuħ!

Mela misshom semmewh **Pespusun**!

X'għandna mid-dinja?

# Il-ħajwej MHIX se ssir





F'*Il-Ħuttafa* 103 konna ġibna li fit-**Tanżanija** riedu jgħaddu ħajwej minn nofs is-Serengeti, park enormi minn fejn kull sena jpassu mat-tliet miljun wildebeest, żebri u annimali oħrajn. Imma f'laqgħa li saret f'Ġunju, il-gvern tat-Tanżanija ħabbar li l-ħajwej mhix se ssir u se jħallu l-park kif inhu. Minflok, se jtejbu xi toroq oħrajn li jduru mal-park ħalli t-turisti jkollhom servizz aħjar. Id-deċiżjoni ħaduha biex ma jisfrattawx il-komunitajiet ta' nies li jgħixu fil-park, kif ukoll il-passa famuża bejn is-Serengeti, u l-Masai Mara (fil-Kenja). Full marks għat-Tanżanija: eżempju perfett ta' kif tista' taqdi l-bniedem bla ma tisfratta n-natura!

# Fjamingi fil-periklu



Erġajna fit-**Tanżanija**, fejn hemm proġett ieħor li jhedded in-natura. Hemm kumpanija li trid tieħu l-ilma ta' Lake Natron, għadira kbira fejn ibejtu żewġ miljun Fjamingu Sekond (Lesser Flamingo)! It-Tata Chemicals trid l-ilma tan-Natron għax fih ħafna ġir li tajjeb biex minnu jagħmlu t-trab tal-ħasil u jbigħuh. Imma l-Fjamingu Sekond ukoll għandu bżonn dan l-ilma biex jirgħa hu u jżoqq liż-żgħar! Dawn it-tip ta' għadajjar melħin huma rari ħafna, tant li tliet kwarti tal-Fjamingi Sekondi tad-dinja jbejtu fin-Natron. Jekk tinqered din l-għadira m'għandhomx fejn imorru.

Fil-kwistjoni tal-ħajwej, lit-Tanżanija tajnieha 10 out of 10! Tgħid f'din ħa tieħu 0?




# Viva r-Roti Viva r-Roti





Ħafna bliet fl-**Ewropa** qed jieħdu miżuri biex inaqqsu l-użu tal-karozzi, li huma waħda mill-ikbar kawżi ta' tniġġis tal-arja. Ħafna toroq f'dawn l-ibliet issa tista' tgħaddi bir-rota biss. Fit-toroq fejn tista' tgħaddi bil-karozza, għollew il-liċenzja u naqqsu l-postijiet fejn tipparkja biex inqas nies jitħajru jużaw il-karozza. Fil-Ġermanja għamlu toroq fejn tista' tidħol bil-karozza biss jekk il-vettura tiegħek tarmi livell baxx ħafna ta' $CO_2$. B'xorti ħażina f'Malta għadna m'aħniex nagħtu kasha wisq dil-ħaġa, u flok ma nċekknu l-karozzi iktar donnhom qed isiru moda l-[1]SUVs.

## X'hemm ġdid?

Annimali u pjanti li nstabu ġodda dan l-aħħar




Il-**Kuskus tat-Tikek** *Spilocuscus wilsoni* (Blue-eyed Spotted Cuscus) huwa [2]marsupju li sabuh fil-foresti tal-Papua New Guinea. Normalment il-marsupji ma jgħixux fis-siġar imma dan l-annimal grazzjuż jgħix fis-siġar fil-foresti tropikali tal-Papua New Guinea, u mkien iktar fid-dinja. X'diżgrazzja kbira li qed jaqtgħu s-siġar f'dawn il-foresti!



**Snaifish**. Fil-baħar jeżistu kanali fondi ħafna (trenches) li sa ftit ilu x-xjenzati kienu jaħsbu li ma fihomx annimali għax huma bogħod wisq mid-dawl tax-xemx. Imma riċenti sabu speċi ta' snailfish f'kanal bejn il-Peru u ċ-Ċile li huwa fond 7km! Dil-ħuta qisha marżepp u twila 25ċm. Tgħix f'baħar dlam ċappa u flok tara, għandha sensi f'rasha li bihom tħoss iċ-ċaqliq fl-ilma. Meta tħoss ċaqliqa, is-snailfish tiġbed l-ilma ġo ħalqha bit-tama li tibla' l-priża. Dil-ħuta tant għadha ġdida li għadhom ma tawhiex isem xjentifiku!



[1]**SUV** = Sport Utility Vehicle, tip ta' karozza kbira u goffa popolari mal-Amerikani; taħli immens u tniġġes ħafna.
[2]**marsupju** = tip ta' mammiferu li meta jitwildulu ż-żgħar iżommhom ġo speċi ta' but taħt żaqqu; l-iktar marsupji famużi huma l-kangarù.

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Pispisella Ħamra

**Curlew Sandpiper** *Calidris ferruginea*



Victor Falzon

Għal nofs is-sajf jibdew jidhru sew l-ewwel sinjali tal-passa tal-ħarifa, speċjalment bil-preżenza tal-għasafar tax-xtut, bħall-Pispisella Ħamra. Din tidher daqshekk kmieni peress li tbejjet fit-[1]tundra tas-Siberja u hemmhekk is-sajf qasir ħafna. Dawn l-għasafar ikun fadlilhom biċċa sew x'jaqdfu peress li dawn jibqgħu niżlin lejn l-Afrika. Hemm pispisell li jpassi lejn il-Majjistral tal-Asja u anke lejn l-Awstralja!

L-aħjar post fejn tara l-Pispisella Ħamra f'Malta hu fir-riserva naturali tal-Għadira, fejn ġieli jkun hemm qtajjiet imdaqqsin minnha. Hawnhekk jgħaddu ħafna ħin ifittxu d-dud u ikel ieħor fit-tajn u l-ilma baxx. L-għasafar tal-plajja mhux dejjem faċli tagħrafhom meta tkun berdwoċer ġdid, peress li hemm speċi jixxiebħu. Fil-każ tal-Pispisella Ħamra, jgħinek żgur il-munqar milwi 'l isfel, u jekk tinzertaha bl-ilwien tas-sajf, il-kulur ħamrani tar-rix ma tiżbaljahx.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.




[1]**tundra** = wesgħat kbar ta' art fin-naħa ta' fuq tad-dinja, l-iktar fil-Kanada u fir-Russja. Minħabba l-kesħa, l-art tkun iffriżata għal ħafna mis-sena, u siġar ma jikbrux.

# Kemm kibru t-tfal!




Alex Casha

**Tiftakruhom il-Fras-Servjenti li bejtu l-Għadira dir-rebbiegħa? Tiftakru għednielkom li kellhom erba' flieles? Tiftakru għednielkom ukoll li l-flieles bdew jikbru ġmielhom? Dan huwa ritratt riċenti ta' tlieta minn dawk il-flieles. Kemm kibru hux. Saru daqs il-ġenituri tagħhom u jtiru tajjeb, l-erbgħa li huma. Kull ma baqgħalhom hu li daharhom isir iswed u saqajhom isiru ħomor. Issa fil-ħarifa nisperaw li jpassu lejn l-Afrika. Min jaf is-sena d-dieħla jiġux lura.**



Aron Tanti

# Rajna mal-elf waħda!

jirrapporta Timothy Micallef

Nhar il-Ġimgħa 8 Lulju 2011 iltqajna ċ-Ċirkewwa fis-6.30pm. Bħal kull sena l-ħarġa bil-lanċa issir f'Lulju minħabba li, kif qalilna l-espert taċ-Ċief John Borg, f'dawn il-ġimgħat iċ-Ċief ikun qed ibejjet fl-irdumijiet. Konna grupp sabiħ ta' membri u l-familji tagħhom, u mlejna żewġ laneċ. F'waħda miż-żewġ laneċ telgħu magħna kru tat-Travel Channel li ġibdu xi filmati matul il-ħarġa.

Tlaqna fis-7.15pm għal Ta' Ċenċ fejn hemm l-akbar kolonja ta' Ċief ibejjet fil-Gżejjer Maltin. Ilmaħna l-ewwel [1]raft fil-bogħod għal xi 7.45pm. Bil-mod ersaqna viċin tagħhom u l-baħar kalm għen biex nosservaw u anki nieħdu r-ritratti taċ-ċief. Sakemm wasalna Ta' Ċenċ komplejna naraw iżjed rafts jiffurmaw madwarna, u b'kollox rajna xi 1000 Ċiefa. Ma' nżul ix-xemx uħud mir-rafts ingħaqdu taħt is-sies u għal ftit ħin fis-skiet smajna l-għajta taċ-ċiefa, li tixbah tarbija tibki.



Denis Cachia

Membri u familji ta' Klabb Ħuttaf igawdu u jieħdu r-ritratti taċ-Ċief minn fuq waħda mil-laneċ.

Meta dorna lura, żewġ Gawwijiet Primi għaddew minn fuqna fil-għoli, f'kuntrast mal-mijiet ta' ċief f'wiċċ l-ilma jistennew biex jidħlu fil-bejtiet fid-dlam. Mad-9.15pm wasalna lura ċ-Ċirkewwa fejn, kuntenti bin-numri kbar ta' ċief li rajna, temmejna l-attività.

[1]**raft** = grupp ta' tajr tal-baħar miġburin f'wiċċ il-baħar; kultant raft ikun fiha mijiet ta' għasafar. Qabel jidlam, iċ-Ċief iħobb jirraftja kif jidher fir-ritratt ta' fuq nett.





## Ktieb Ġdid!

Il-BirdLife għadha kemm ħarġet ktieb ġdid fuq l-għasafar. Ktieb li jiġbor fih kull ma nafu fuq l-għasafar kollha li jbejtu jew li kienu jbejtu fil-Gżejjer Maltin.

- Ktieb ta' 380 paġna
- Bil-kulur minn qoxra sa qoxra
- Miżgħud b'iktar minn 470 ritratt
- Xogħol ta' 4 awturi u 44 fotografu
- Tagħrif fuq 77 speċi

Jekk tħobb l-għasafar u n-natura Maltija **MA TISTAX** toqgħod mingħajru dal-ktieb. **Ixtrih qabel jinħatfu l-kopji kollha!**

Il-ktieb huwa qoxra iebsa u jiswa **€33**. Biex tixtrih ċempel lill-BirdLife fuq 21347644/5. 'Il quddiem ikun għall-bejgħ ukoll mir-riservi naturali.

Wwaaww! Ktieb ieħor favoluż mill-BirdLife. Ħa jkolli nixtrih! Eh iva, u ħa jkolli nitgħallem naqra.



**U jekk tordnah sal-31 Awwissu jiġik €25 biss.**



Daż-żmien tas-sena mmorru l-baħar nixxalaw u ngħumu. Imma biex inkunu naturalisti vera, irridu niftakru li l-baħar mhuwiex biss post ta' xalata. Huwa wkoll ambjent naturali, u huwa d-dar ta' eluf ta' annimali u pjanti.



Xirgien
Two-banded Bream



Tirda Mirlija
Painted Wrasse

# Il-Baħar tagħhom ukoll!



Budakkra tal-Qawwi
Tompot Blenny

Fl-ibħra ta' madwar Malta jgħixu mijiet ta' speċi ta' bebbux u arzell, mijiet ta' speċi ta' alġi, għexieren ta' speċi ta' gambli u granċijiet, bram, bużżi, sponoż, rizzi, qroll, busuf, artikli, mħar, koċċli, stilel u ħafna u ħafna forom oħrajn ta' ħajja. U ħut kemm għandna? Ħut għandna xi 300 speċi, u hawnhekk ġibnielkom sebgħa minnhom.

Biex ingawdu l-ħut fil-baħar mhux bilfors irridu nkunu għaddasa biċ-ċilindri. Ħafna ħut żgħir bħal budakkri u bużullieq jgħix qalb il-blat f'baħar baxx ħafna. B'maskla komuni nistgħu ngawduhom max-xatt f'ilma li jasal sa taħt rkubbtejna!



Sultan iċ-Ċawl
Cardinalfish



Ħmar
Filefish



Skorfna Sewda
Black Scorpionfish



Ċippullazza
Great Rockfish




Ritratti kollha ta' Edward Curmi www.edwardcurmi.com

## Intervista ma' Fjura

Victor Falzon




**X'jismek?**
Jisimni Kappara, bl-Ingliż *Caper*, bit-Taljan *Cappero*, bil-Latin *Capparis*, bl-iSpanjol *alcaparro*, bl-Għa...

**Owkej owkej! Isma' inti [1]indiġena jew [2]aljena?**
Maltija minn ruħ ommi, nannti, bużnannti u buż-buż-buż-buż-buż-buż-...

**Fhimtek fhimtek! Allura inti x'ambjent tħobb tikber fih?**
Jien art ċatta ma togħġobnix, nippreferi nikber imxabbta ma' xi sies wieqaf, u anke mas-swar.

**Tħobb ix-xemx jew id-dell?**
Xemx u sħana nogħxa fihom, għalhekk fis-sajf nixxala bil-fjuri. Jogħġbuk il-fjuri tiegħi?

**Immens, imma issa għidli: kif ma tinxifx f'dis-sħana?**
Eee ħijjos, għax jien il-weraq tiegħi jaħżen l-ilma fih.

**Bis-sens. U għandek xi problemi?**
Iva għandi! Peress li n-nies iħobbu jikluli l-blanzuni, spiss iżarmawni u ma jħallulix fjura waħda. Ħeqq, jien il-fjuri għandi bżonnhom, inkella ma nkunx nista' nagħmel żerriegħa, hux.

**Għandek raġun. Grazzi ħafna.**
Ta' xejn, ruħi.

# Stalaktiti u stalagmiti

John J. Borg

Stalaktiti u stalagmiti huma bħal pilastri tal-ġebel li jiffurmaw mas-saqaf u mal-art ta' xi għerien. Kif jiffurmaw?

Victor Falzon







Kultant l-istalaktiti u l-istalagmiti tant jitwalu li jiltaqgħu fin-nofs u jsiru kolonna waħda naturali mill-art sas-saqaf!




[1] **indiġenu** = pjanta jew annimal li minn dejjem kienu jgħixu f'ċertu post, u ma ngabux hemm mill-bniedem
[2] **aljen** = pjanta jew annimal li jkun ġabhom il-bniedem minn art oħra; il-maqlub ta' indiġenu.





# Għerien

Elisabeth Conrad

Id-daħla ta' Għar Dalam, għar popolari mat-turisti u anke mal-Maltin. Dan l-għar fond mhux ħażin, imma parti minnu biss miftuħa għall-publiku, għax aktar 'il ġewwa jidjieq u jsir perikoluż.




[1] **dijossidu tal-karbonju** = carbon dioxide ($CO_2$), wieħed mill-gassijiet li nsibu fl-arja
[2] **invertebrati** = annimali li m'għandhomx sinsla tad-dahar, bħal insetti, bebbux, eċċ.
[3] **endemiku** = pjanta jew annimali li ssibhom f'post jew reġjun wieħed biss fid-dinja

Did-darba se nagħtu ħarsa lejn ambjent ieħor f'Malta li ma tantx hu komuni: **l-għerien.**

## Kif isiru ?

Kif isiru l-għerien? Ħafna mill-blat ta' Malta huwa *limestone*, blat li ma tantx hu iebes u li anke x-xita taffettwah. L-ilma tax-xita mhuwiex kompletament pur, għax bid-[1]dijossidu tal-karbonju li jsib fl-arja jinbidel u jsir ftit aċiduż. Mhux xi aċtu qawwi, però qawwi biżżejjed biex xi blat iħollu bil-mod il-mod. Il-blata tibda ftit ftit titħaffer u titmermer, u jinfetħu fiha xquq u fetħiet. Biż-żmien, uħud minn dawn ix-xquq jikbru u jiffurmaw għerien.

F'Malta m'għandiex ħafna għerien fondi, però għandna diversi għerien żgħar li huma interessanti. Fost dawn insibu Għar il-Friefet, Għar Ħasan u Għar Dalam. F'Għar Dalam tista' tara diversi stalaktiti u stalagmiti. Dawn jiffurmaw meta l-ġir li jkun inħall mill-blat jerġa' jinġabar fejn l-ilma jqattar mis-saqaf tal-għerien (ara wkoll paġna 8).

## X'jgħix fihom ?

Minħabba li l-għerien ikunu mudlama, pjanti ftit li xejn ħa ssib peress li dawn iridu d-dawl. Imma xi annimali tgħallmu jgħixu fl-għerien, u l-aktar famużi huma l-friefet il-lejl. Ħasra li ħafna nies jibżgħu minnhom (forsi raw xi films tal-vampiri!) għax il-friefet il-lejl ma jagħmlux ħsara, anzi huma mammiferi affaxxinanti. Ħafna friefet il-lejl isibu l-ikel b'widnejhom flok b'għajnejhom! Il-farfett il-lejl jagħmel bħal tisfir għoli ħafna u skont kemm u kif jisma' d-diwi ta' dan it-tisfir, il-farfett il-lejl ikun jaf eżatt x'hemm madwaru, anke fid-dlam ċappa tal-għerien. Dat-trikk jgħidulu *echolocation*. F'Malta għandna 11-il speċi ta' friefet il-lejl. Kollha huma protetti bil-liġi, imma xorta huma mhedda, u waħda mir-raġunijiet hi li l-ambjent tagħhom huwa rari f'pajjiżna.

Barra friefet il-lejl, fl-għerien hemm diversi ħlejjaq oħrajn, speċjalment [2]invertebrati. Uħud min dawn huma [3]endemici, fosthom tip ta' ħanżir l-art.

## Nieħdu ħsiebhom

Peress li l-annimali tal-għerien spiss jeħtieġu l-kundizzonijiet partikolari li jinstabu hemmhekk, diffiċli għalihom jgħixu f'postijiet ohra. Minħabba li ftit għandna għerien f'Malta, ħafna minn dawn l-ispeċi qegħdin fil-periklu li jispiċċaw.

Important għalhekk, li nħarsu u naprezzaw l-għerien Maltin u posthom fin-natura ta' pajjiżna.



Vespertin tal-Magreb
*Maghrebian Bat*

John J. Borg



# Faqqus il-Ħmir

Victor Falzon





Agħti kulur lill-istampa.




# ARTI U RITRATTI

il-huttafa@birdlifemalta.org



Ibagħtulna t- tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dir-rokna. Importanti li r-ritratti jkunu tagħkom. Ibagħtuhom **jpeg** fl-imejl t'hawn fuq.



XAĦMET L-ART
Dianne Portelli 17



BAĦRIJA TAT-TENGĦUD
Thomas Schembri 8




## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** 15



Is-SUMMIENA

# Tgħidx ħmerijiet!

**Desirée Falzon** iddur dawra ma' ħmerijiet li nisimgħu fuq l-annimali.




Din waħda minn dawk il-ħmerijiet li jinħolqu meta n-nies jaqilbu t-tagħrif ta' taħt fuq!

L-Oljandru hija siġra sabiħa, tikber forma ta' arbuxxell kbir, b'weraq twal, dojoq u ħodor skuri. L-Oljandru jħawluh ħafna fit-toroq u fil-ġonna pubbliċi għax huwa dejjem-ħadran u jagħmel ħafna fjuri roża, ħomor jew bojod.



Desirée Falzon




Minbarra l-isem Oljandru, dis-siġra hawn min isejħilha Siġra tal-Wirdien, u s'intendi ħafna nies jaħsbu li jgħidulha hekk għax iġġib il-wirdien. Imma l-verità hija eżatt il-maqlub, għax dari l-Oljandru kien jintuża biex *joqtol* il-wirdien! Kif? Għax il-wirdien jiekol kollox, speċjalment affarijiet li fihom is-*cellulose* (dik is-sustanza li magħmul il-weraq minnha). Allura kienu jaqtgħu ftit weraq tal-Oljandru u jpoġġuh fejn hemm il-wirdien. Il-wirdien kien inaqqar il-weraq, u peress li l-meraq ta' dis-siġra huwa velenuż, il-wirdien imut!

Qed taraw kif il-ħmerija qalbet il-verità bil-kontra!




# Ntietef tan-Natura 8

**Victor Falzon** jagħti ħarsa lejn ħlejjaq żgħar madwarna

## Iċ-Ċikloża

Iċ-Ċikloża hija brimba żgħira. Tagħmel għanqbuta raddiena u fiha taqbad insetti żgħar li jeħlulha magħha. Matul il-ġurnata ħafna brimb joqgħod rieqed f'moħba tal-ħarir f'xi rokna tal-għanqbuta. Imma ċ-Ċikloża tistaħba f'nofs l-għanqbuta bla ma tibni moħba xejn. Kif? Il-fdalijiet tal-insetti li tiekol iddommhom f'ringiela u tħalli post vojt fin-nofs biex toqgħod hi fih. Il-kuluri tagħha huma taħlita ta' iswed, kannella skur, kannella ċar u abjad, u jagħtuha kamuflax perfett. B'hekk meta hi tpoġġi qalb il-frak u l-fdalijiet taħsibha parti minn das-serbut ta' skart. B'hekk iċ-Ċikloża tinħeba, allavolja tkun mikxufa għal kollox!




Victor Falzon

Victor Falzon



Iċ-Ċikloża f'nofs id-damma ta' skart li bniet fl-għanqbuta. Araw il-kulur tagħha kif jaqbel eżatt mal-iskart.




**www.birdlifemalta.org**

BirdLife MALTA

Fil-websajt tal-BirdLife issib aħbarijiet fuq kull ma tkun qed tagħmel l-għaqda għażiża tagħna, u ħafna tagħrif ieħor.

**www.birdinginmalta.com**



Websajt mimlija tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin fejn tista' tmur berdwoċing.




# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Bank of Valletta